22 ta' Frar, 1947.

Imħallef:

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

*Rosina Camenzuli ne. et. versus* Evangelista Perez et.

**Diviżjoni — Assenjazzjoni u Xorti — Kollazzjoni — Art. 972, 948 u 547 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Għal dak li jirrigwarda immobili, il-kollazzjoni ssir, kif jagħżel id-donatarju, jew billi jġib lura l-ħaġa nnifisha, ħielsa minn kull piż jew ipoteka li jkun għamel fuqha, inkella billi jgħodd akkont ta' sehmu l-valur tal-ħaġa fiż-żmien tal-kollazzjoni.*

*Skond il-liġi l-ishma fid-diviżjoni għandhom jiġu mtellgħin bix-xorti; imma jekk l-ishma ma jkunux indaqs, il-Qorti għandha tiddeċidi jekk l-ishma għandhomx jiġu mtellgħin bix-xorti nkella l-qsim għandux isir b'assenjazzjoni, għal kollox jew f'parti.*

*Però dina r-regola ma hix inflessibili u imperativa f'mod assolut, imma hija norma li għandha tiġi segwita kemm jista' jkun.*

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-atturi ppremettew illi fit-30 ta' Diċembru 1917 miet Giuseppe Camenzuli (dok. A) b'testment li kien għamel "unica charta" ma' martu Spiridiona Camenzuli fl-atti tan-Nutar Francesco Giorgio Schembri tal-10 ta' Ġunju 1905 (dok. C); u fid-29 ta' Awissu 1941 mietet l-imsemmija Spiridiona Camenzuli bit-testment fuq imsemmi tal-10 ta' Ġunju 1905 (dok. B); u illi b'dan it-

testment l-imsemmijin Giuseppe u Spiridiona miżżewġin Camenzuli istitwew bħala eredi tagħhom fi proporzjonijiet indaqs lit-tliet konvenuti u lil Angelo Camenzuli, missier il-minuri Carmelo u Angelo aħwa Camenzuli u missier l-attriċi Francesca Cachia, li huma eredi benefiċjati ta' missierhom; u talbu li:— (1) *Tiġi ordnata* l-likwidazzjoni ta' l-assijiet ereditarji ta' l-imsemmijin Giuseppe u Spiridiona miżżewġin Camenzuli, ġenituri tal-konvenuti u nanniet tal-minuri u ta' l-attriċi Francesca Cachia, u li ż-żewġ assijiet jiġu dikjarati jikkonsistu f'dawk il-beni immobili u mobili, u krediti, li jirriżultaw matul *it-trattazzjoni tal-kawża*; (2) *Li tiġi ordnata d-diviżjoni f'erbgħa* porzjonijiet indaqs, ta' dawna ż-żewġ assijiet kif jiġu hekk likwidati, u li waħda mill-porzjonijiet tiġi assenjata lill-atturi flimkien, u t-tliet porzjonijiet l-oħra jiġu assenjati waħda lil kull wieħed mill-konvenuti; (3) U li jiġi nominat, jekk *ikun hemm bżonn, perit biex jagħmel stima tal-beni u jissottometti* pjan ta' diviżjoni, nutar biex jirċievi l-att tad-diviżjoni, u kuraturi biex jirrappreżentaw il-kontumaċi. Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti, li jibqgħu mħarrka biex jidhru għas-subizzjoni;

*Omissis;*

Irriteniet;

*Omissis;*

Illi f'dina r-relazzjoni d-diviżjoni ġiet proposta bil-metodu msejjaħ ta' l-assenjazzjoni (jew, kif anki jingħad, ta' l-"attribuzzjoni"). Fin-nota tagħhom, fol. 99, l-atturi osservaw illi d-diviżjoni missha ssir bix-xorti, anki almenu għal tlieta mill-erbgħa porzjonijiet, kwante volte l-konvenuta Perez tiddeċidi li żżomm il-fond lilha assenjat b'dota u konferibili *fil-massa*;

Illi fil-massa in diviżjoni, infatti, hemm erba' stabili, li wieħed minnhom jidħol bħala konferiment mill-konvenuta Perez, billi kien ġie lilha assenjat b'dota mill-ġenituri tagħha akkont tad-drittijiet tagħha fuq is-suċċessjoni paterna u materna;

Illi hi liġi pożitiva (art. 972 Kap. 23) illi, għal dawk li huma immobili, il-kollazzjoni ssir, kif jagħżel id-donatarju, jew billi dan iġib lura l-ħaġa nnifisha, ħielsa minn kull piż

jew ipoteka li jkun għamel fuqha, inkella billi jgħodd akkont ta' sehmu l-valur tal-ħaġa fiż-żmien tal-kollazzjoni;

Illi min-nota fol. 100, preżentata mill-konvenuta Perez, jidher illi l-għażla din għamlitha fis-sens li żżomm l-immobili lilha assenjat b'dota u tgħodd il-valur tiegħu akkont ta' sehemha. In segwitu għal din l-għażla huwa ċar illi l-estrazzjoni bix-xorti żgur li ma tistax issir għall-porzjon tagħha; li għalhekk tibqa' kif għamilha l-perit legali;

Illi kwantu għall-estrazzjoni bix-xorti għat-tliet porzjonijiet rimanenti, il-liġi (art. 948, li jirrikjama l-art. 547, Kap. 23) tgħid li l-ishma jiġu mtellgħin bix-xorti; iżda jekk l-ishma ma jkunux indaqs, il-Qorti tiddeċidi jekk l-ishma għandhomx jiġu mtellgħin bix-xorti inkella jekk il-qsim għandux isir b'assenjazzjoni, għal kollox jew f'parti;

Illi ġie ritenut fil-ġurisprudenza estera (ara Fadda, comm. art. 993-996, deċiż. no. 118) illi:— L'assegnazione delle quote per estrazione, piuttosto che per attribuzione, anche quando i condividenti concorrono in parti uguali, non è imposto come obligo imprescindibile, bensì come norma comune da seguirsi quando ragioni speciali non consigliano invece il secondo sistema". L-Imħallef sedenti jikkondividi dina l-fehma, illi cioè r-regola kontenuta fl-art. 547, Kap. 23, ma hijiex inflessibili u imperativa f'mod assolut, imma hija norma li għandha tiġi segwita kemm jista' jkun — fehma li, milli jidher, kienet anki tal-kompjant Professur Caruana, Ordinarju tad-Dritt Civili fl-Università ta' Malta, fejn jingħad, b'riferenza għaddiviżjoni, "per quanto si può la si deve fare a sorte";

Illi peress li f'kull porzjon għandhom isiru xi imputazzjonijiet, jidher aktar prattiku u konvenjenti li jiġi f'dan il-każ segwit il-metodu ta' l-assenjazzjoni;

Illi jista' anki jiġi osservat illi, billi f'kull każ il-kollazzjoni sejra ssir mhux realment, imma mentalment, dan prattikament ifisser illi l-kondivident li sejjer jagħmel dan il-konferiment mentali sejjer jieħu mill-massa "tant anqas" kemm tiswa l-ħaġa konferita, u għalhekk "stricto jure" il-porzjon tiegħu, kif fir-realtà sejra tittieħed mill-massa bla konferiment, ma hijiex ugwali għal dik ta' kondivident ieħor li ma għandux konferiment x'jagħmel jew għandu konferimenti iżgħar. Għalhekk, f'dan is-sens, l-ishma ma humiex proprjament in-

daqs (mingħajr il-konferimenti), u konsegwentement hija opportuna, anki għal hekk, l-assenjazzjoni;

Illi, b'dana kollu, għall-obbjezzjoni kontenuta fit-tieni u t-tielet paragrafu tan-nota fol. 99, jista' jiġi b'xi mod rimedjat "pro tanto" b'modifikazzjoni żgħira fil-porzjon ta' Teresa Portelli u dik taċ-ċipp ta' Angelo Camenzuli, bil-mod li sejjer jiġi ndikat aktar 'l-isfel. B'din il-modifikazzjoni lill-minuri jiġi assenjat stabili ta' valur aktar, u l-konvenuta Teresa Portelli, kreditriċi anki tal-legat ordnat minn ommha Spiridiona Camenzuli, titħallas, fi proporzjoni akbar, bi flus;

*Omissis;*

Għal dawn il-motivi, previja l-adozzjoni tar-relazzjoni, salvi l-modifiki f'żewġ porzjonijiet li sejrin jiġu ordnati, kif intqal fuq, il-Qorti tiddeċidi;

Fuq l-ewwel domanda, billi tillikwida l-assijiet ereditarji...................;

Fuq it-tieni domanda, billi, wara li tiddikjara illi l-fond nru. 143, Qormi Road, Hamrun, għandu jibqa' għand Evangelista Perez, salv li din timputa l-valur tiegħu, u illi l-qasma għandha ssir b'assenjazzjoni, tordna illi l-pjan tal-qasma jkun dan...............;

Tipprovvedi fuq it-tielet domanda billi tinnomina ħalli jippublika l-att.................., bl-intervent ta' l-avukati Dottor Marcel Bianchi u Dottor Joseph Ganadò, li qegħdin jiġu nominati b'din is-sentenza kuraturi biex jirrappreżentaw il-kontumaċi fl-att;

L-ispejjeż kollha jitħallsu kwart l-atturi, u kwart ieħor kull wieħed mit-tliet konvenuti.